MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 368/2004

**Avviz numru 368/04DM**

**Jolly Imports & Distribution Limited (C 13989)**

**Vs**

**Joseph Aquilina (264052 M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal- konvenut, ghall-hlas tas-somma ta' elf, disa' mija u hdax-il lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm1,911.53) rapprezentanti bilanc ta' kambjala (Dok. A) ghall-valur ta' erbat elef u hames mitt lira Maltin (Lm4,500) datata 3 ta' Gunju, 2002.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Mejju, 2003, u tal-mandat ta' sekwestru nru ppresentat kontestwalment ma' l-Avviz u bl-imghax legali mit-3 ta'

Gunju 2002, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll id-dokumenti esebiti, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' elf, disa' mija u hdax-il lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm1,911.53) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mit-3 ta' Gunju, 2002.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------